# QORTI CIVILI
# PRIM AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Tlieta**
**Tmintax (18) ta' Ottubru 2022**

**Rikors Numru 465/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**Daniel Joseph Agius [ID2012120P] debitament rappreżentat mill-Avukat Dr Carlo Bisazza fil-kapaċita' tiegħu ta' mandatarju speċjali**

**Vs**

**Janette Danielle Agius detentriċi tal-Passaport Kanadiż Nru: HG973809**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 2 ta' Ġunju 2022, li permezz tiegħu r-rikorrent, tramite il-Mandatarju tiegħu Dr Carlo Bisazza, talab s-segwenti:

   1. *Illi l-partijiet iżżewwġu fid-19 ta' Frar 2000 ġewwa Powell River, British Columbia, il-Kanada (Dok DA1).*

   2. *Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom żewġt itfal Elle Claudia Agius u Marik Rockwood Agius li twieldu fl-4 ta' Mejju 2002 u s-16 ta' April 2004 rispettivament.*

   3. *Illi permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni li jġib id-data 23 ta' Settembru 2019, il-kontendenti nfirdu minn xulxin kif jirriżulta mill-kopja awtentikata tal-kuntratt ta' separazzjoni ddepositat ġewwa l-Powell River Court Registry, British Columbia, Kanada (Dok DA2);*

   4. *Illi preċedentement, u ċioe', permezz ta' kuntratt datat id-9 ta' Frar tas-sena 2011, u ppubblikat fl-atti tan-Nutar Ian Spiteri (Dok DA3) l-*

*kontendenti, flimkien ma' terzi akkwistaw l-utile dominju perpetwu tal-fond senjatament, 'The apartment unofficially numbered one thousand two hundred and twenty one (1221), situated at level two (2) of the Block', magħruf bħala Pendergardens ġewwa San Ġiljan, kif ukoll 'the two (2) one (1) car, car parking spaces unofficially internally numbered letter 'B' number forty nine (B49) and letter 'B' eighty two (B82), situated at level minus two (-2) of the Residential Car Park, within Pendergardens in Saint Julians', kif deskritti f'aktar dettall fil-kuntratt imsemmi; b'dan illi l-kontendenti kienu proprjetarji ta' sehem kwart indiviż kull wieħed fl-imsemmija proprjetajiet, kif jirriżulta mill-anness kuntratt.*

5. *Illi ai termini tal-Artikolu 32(iii), u tal-Artikolu 33(a)(iv), tal-kuntratt ta' separazzjoni fuq ċitat, l-intimata Janette Danielle Agius assenjat is-sehem ta' kwart indiviż fil-proprieta' imsemmija, indikata bħala 'the Malta Recreational property', lir-rikorrenti u ddikjarat illi m'għandha l-ebda interess fl-istess, b'dan illi l-attur, "will retain the following property as his own property, free and clear of any and all claims of Janette".*

6. *Illi b'referenza għall-Artikolu 32 tal-kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet iddikjaraw illi, "The parties will do all things necessary to effect the steps and transactions to satisfy the Compensation/Transfers, including but not limited to the following ..... (iii) the Malta Recreational property....."*

7. *Illi ai termini tal-liġi Kanadiża (Dok DA4) 'In order for a Separation Agreement to be enforceable, it must be filed within the Provincial Court of British Columbia or the Supreme Court of British Columbia'. Dan fil-fatt seħħ stante, kif jirriżulta mill-istess kuntratt ta' separazzjoni kif ukoll mill-anness digriet ta' divorzju mmarkat Dok DA5, fl-atti ta' liema proċeduri quddiem il-Qorti Suprema tal-British Columbia, (li hija dik il-Qorti illi għandha ġurisdizzjoni tisma' u taqta' l-kawża ta' divorzju bejn il-partijiet), ġie ppreżentat l-istess kuntratt ta' separazzjoni;*

8. *Illi l-attur għandu kull interess illi ssir l-iskrizzjoni/reġistrazzjoni relattiva fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta in konnessjoni mat-trasferiment tal-kwart sehem indiviż fil-proprjeta' de quo illi l-intimata assenjat lir-rikorrenti, sabiex tirrispekkja d-disposizzjonijiet tal-kuntratt ta' separazzjoni;*

9. *Illi mingħajr tali reġistrazzjoni/iskrizzjoni l-attur ikun impedit milli jiġi rikonoxxut bħala l-proprjetajru leġittimu kif ukoll milli jiddisponi mill-proprjeta' tiegħu, kif assenjat ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni personali tat-23 ta' Settembru 2019.*

10. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet suesposti, r-rikorrenti umilment titlob illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara illi ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni tat-23 ta' Settembru 2019 l-intimata assenjat lir-rikorrenti sehem kwart indiviż tal-proprjetajiet fuq deskritti;*

2. *Tiddikjara illi sabiex ir-rikorrent jiġi legalment rikonoxxut bħala leġittimu proprjetarju tal-kwart sehem indiviż li ġie assenjat lilu permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni tat-23 ta' Settembru 2019 jeħtieġ illi ssir l-iskrizzjoni relattiva fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta;*

3. *Tiddikjara l-kuntratt ta' separazzjoni tat-23 ta' Settembru 2019 ffirmat bejn il-kontendenti eżegwibbli taħt il-Liġi ta' Malta.*

4. *Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex entro perjodu qasir u perentorju jeffettwa l-iskrizzjoni relattiva għat-trasferiment tas-sehem kwart indiviż tal-proprjetajiet fuq imsemmija minn fuq isem l-intimata għal fuq isem ir-rikorrent ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni data it-23 ta' Settembru 2019, kollox kif intqal fuq u għar-raġunijiet imsemmija.*

*Bl-ispejjeż kollha, kontra l-intimata, li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni. B'riserva għal kull azzjoni għad-danni spettanti lill-attur skond il-liġi.*

2. Rat id-dokumentazzjoni kollha eżebiti mar-rikors promotur, inkluż il-Kuntratt ta' Separazzjoni datat 23 ta' Settembru 2019.

3. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mill-partijiet mal-atti fuq imsemmija.

4. Rat illi fit-30 ta' Ġunju 2022, l-intimata Janette Danielle Agius, tramite il-Mandatarju Speċjali tagħha Dr Timothy Bartolo, ammettiet it-talba kif dedotta.

5. Rat illi, fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2022, il-partijiet talbu lill-Qorti sabiex tgħaddi għal deċiżjoni finali abbażi ta' tali ammissjoni.

6. Rat illi għalhekk il-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiddikjara** illi ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni tat-23 ta' Settembru 2019 Janette Danielle Agius assenjat lill-Daniel Joseph Agius sehem kwart indiviż tal-proprjetajiet fuq deskritti.

**Tiddikjara** illi sabiex Daniel Joseph Agius jiġi legalment rikonoxxut bħala leġittimu proprjetarju tal-kwart sehem indiviż li ġie assenjat lilu permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni tat-23 ta' Settembru 2019 jeħtieġ illi ssir l-iskrizzjoni relattiva fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta;

**Tiddikjara** l-kuntratt ta' separazzjoni tat-23 ta' Settembru 2019 ffirmat bejn il-kontendenti eżegwibbli taħt il-Liġi ta' Malta.

**Tordna** lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex entro xahrejn mil-lum jeffettwa l-iskrizzjoni relattiva għat-trasferiment tas-sehem kwart indiviż tal-proprietajiet fuq imsemmija minn fuq isem Janette Danielle Agius għal fuq isem Daniel Joseph Agius ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni datat it-23 ta' Settembru 2019.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku ta' l-intimata.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**